MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Numru. 437/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Raymond Borg bin Joseph u Saverina nee` Zammit, imwieled Pieta` nhar it-13/05/1969, residenti 65, Triq il-Punent, Valletta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 430769M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Raymond Borg li jinsab akkuzat talli fis-7 ta' Frar, 2009, bejn is-2.00am u t-03.15am, gewwa Floriana u l-Belt Valletta, id-diversi atti maghmulin minnu, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jammontaw aktar minn EUR239.94, ghad-detriment ta' Anabel Agius detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 334579M u Concetta Agius detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 274454M, liema serq huwa kwalifikat bil-Valur u bil-Hin;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod indahal biex ibiegghom jew imexxihom;

3. u aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrat Malta, liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghat-tieni akkuza li nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel imputatzzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha lill-imputat u l-fatt illi l-parte leza giet rizarcita mill-imputat. Il-Qorti madankollu ma tistax tinjora l-fedina penali tal-imputat u dak mistqarr mill-Probation Officer fir-rapport tieghu fejn juri illi l-imputat ghandu problema tad-droga li ilha zmien twil u ma jidhirx illi huwa qieghed jaghmel l-almu tieghu biex johrog minn dan il-vizzju.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c),(f) 279(a) u 280(1), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza peress illi din hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, ssibu hati tal-kumplamet u tikkundannah ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------